Lulju –Diċembru 2019

**Edukazzjoni:**

F' Ottubru organiżżajna diskussjoni mir- *Richmond Foundation* dwar is-saħħa mentali. L-għan kien li noħolqu kuxjenza u jiżdied l-għarfien fuq dan is-suġġett delikat u importanti. Kien hemm interess u nħass il-bżonn minn dawk li attendew, li jerġghu jiġu organizzati sessions simili.

Wara li daħħalna applikazzjoni għall-fondi għal-libreriji pubbliċi, irċevejna s-somma ta kważi 3000 euro li bihom inxtara l-apparat modern ta' *Google Expeditions Red Box Virtual Reality*, li bis-saħħa tiegħu tista' tesperjenza b' mod virtwali u titgħallem dwar diversi postijiet fid-dinja u kunċetti ta' xjenza u suġġetti oħra. Sar ukoll pjan ta' meta se jsiru dawn is-sessions ma' diversi sezzjonijiet tal-kommunita tagħna matul s-sena 2020.

Bħala Kunsill bdejna wkoll niġbru kwotazzjonijiet biex isiru mumru ta' *Open Libraries* ġewwa l-Imtarfa, dan bil-għan li nippromwovu l-qari fil-lokalita tagħna.

**Żvilupp Sostenibbli**

Inqalgħu siġar invażivi u tħawwlu bosta arbuxelli u siġar tal-frott fl-inħawi ta' Ġnien Is-Sinjura. Sar ukoll taħwil ta' lfuq minn mitt arbuxell u siġra fil-bosk – attività li għaliha attendew numru sabiħ ta' tfal u residenti.

Ġew organizzati *clean –ups* madwar il-lokalita. Dawn kienu okkażżjonijiet fejn waqt li ġew imnaddfa diversi żoni fl-Imtarfa, kellna opportunita nedukaw fuq l-importanza li nżommu l-ambjent tagħna nadif u kif dan jaffetwa l-ħajja tagħna fil-kommunita.

Attivita oħra ferm għal-qalbi kienet dik tal-ġbir taż-żebbuġ minn diversi siġar fl-Imtarfa. Kien hemm attendenza tajba ħafna u ntweriet ix-xewqa li terġa' tiġi organizzata s-sena d-dieħla. Fil-waqt li ħadna pjaċir bħala kommunita f'din l-attivita mhux tas-soltu, nġabru 190 kg ta' żebbuġ li ssarrfu f' 20 litru ta' żejt pur.

**Tisħiħ Kulturali, l-Identita Lokali u Turiżmu**

Bħala Kunsill ħdimna biex insaħħu s-sens ta' kommunita ġewwa l-Imtarfa. F' Settembru organizzajna majjalata fil-pjazza – attività suċċess li ġabet flimkien numru kbir ta-residenti. Fl-aħħar t'Ottubru organizzajna għall-ewwel darba *Halloween Village* fil-Ġnien ta' Dar il-Kaptan. Kienet attività sabiħa li fiha residenti kif ukoll nies minn barra l-Imtarfa żaru Dar il-Kaptan, taw donazzjonijiet u ħadu pjaċir bl-atmosfera li ġiet kreata. F' Diċembru saret l-Ikla tal-Kommunita li kellha attendenza tajba ħafna u għall-ewwel darba tellajna attività fil-Pjazza bl-Isem ta' Milied Ħlejju.

Hassejt il-bżonn li nwaqqaf żewġ sottokumitati biex jgħinuni fuq is-settur ta' identità lokali u turiżmu. Għamilna *brainstorming* ta' diversi affarijiet li nixtiequ naħdmu fuqhom. Kellna ukoll laqgħa u diskussjonijiet ma' Mr.Vince Zammit u rappreżentanta tal-MTA biex issir *Heritage Trail* madwar l-Imtarfa. Din il-*HeritageTrail* tagħti importanza lil diversi postijiet ta' interess fil-lokalita tagħna u tkun tassew tikkumplimenta l-proġett tar-restawr tat-Torri tal-Arloġġ li se jiġbed kemm turisti u kemm Maltin lejn l-Imtarfa. Irridu naħdmu wkoll fuq vidjow b'informazzjoni dwar it-Torri tal-Arloġġ u l-Imtarfa biex jintwera fl-Interpretation Centre meta dan jibda jopera.

Marika Sammut Dimech
Kunsilliera
Kunsill Lokali Mtarfa